MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 457/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprio u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Saviour Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm429.62), kwantu ghal mija u tnax –il Lira Maltija u tlieta u tletin centezmi (Lm112.33), rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u kwantu ghal tlett mija u sbatax –il Lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm317.29), rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku,

fil-fond 20, Flat 2, Triq il-Bjar Qodma, Valletta ghall-perjodu bejn id-19 t'Ottubru 1989 u l-14 ta' Lulju 1994.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 t'April 1998 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'Dr. Guido Pace Spadaro, rapprezentant tal-Korporazzjoni attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha  konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta’ erba' mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm429.62), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ts-16 ta’ April 1998, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------